

- 2) Fil-każ li l-ewwel domanda ma tingħatax risposta fl-affermattiv:

L-Artikolu 56 TFUE kif ukoll id-Direttiva 96/71 u d-Direttiva 2014/67 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li, fil-każ ta' ksur tal-obbligi formali dwar l-impjeg transkonfinali ta' ħaddiema, jiġu imposti multi kumulattivi mingħajr limitu massimu assolut?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431, rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66.

(²) Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (ĠU 2014, L 159, p. 11).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour administrative (il-Lussemburgu) fl-20 ta' Marzu 2019 —
Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu vs B**

(Kawża C-245/19)

(2019/C 213/08)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour administrative

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Konvenuta: B

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 7, 8 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, possibbilment moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-imsemmija Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li, fil-kuntest tas-sistema proċedurali fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni fuq talba, stabbilita b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-direttiva 77/799/KEE (¹), teskludi kwalunkwe dritt għal azzjoni, b'mod partikolari ġudizzjarja, min-naħa ta' terz li għandu fil-pussess tiegħu informazzjoni kontra deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru tobbligah li jipprovdilha informazzjoni sabiex jingħata segwitu għal talba għal skambju ta' informazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor?

- 2) Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda, l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/16 għandhom jiġu interpretati, jekk ikun il-każ b'teħid inkonsiderazzjoni tan-natura evoluttiva tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OECD, fis-sens li talba għal skambju, flimkien ma' ordni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun saritlu t-talba li jagħti segwitu għaliha, jissodisfaw il-kriterju tal-assenza ta' nuqqas manifest ta' rilevanza prevedibbli fejn l-Istat Membru li jagħmel it-talba jindika l-identità tal-persuna taxxabbli kkonċernata, il-perijodu kkonċernat mill-investigazzjoni fl-Istat Membru li jagħmel it-talba u l-identità tal-persuna li jkollha l-informazzjoni mitluba, meta jipprova jikseb informazzjoni dwar kuntratti u l-fatturazzjonijiet u ħlasijiet relatati, li ma humiex speċifikati iżda li huma ddefiniti permezz tal-kriterji li jirrigwardaw, l-ewwel nett, il-fatt li huma ġew konklużi mill-persuna li ġiet identifikata bħala li għandha l-informazzjoni, it-tieni nett, l-applikabbiltà tagħhom matul is-snin taxxabbli kkonċernati mill-investigazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat li jagħmel it-talba u, it-tielet nett, ir-rabta tagħhom mal-persuna taxxabbli identifikata kkonċernata?

(¹) ĠU 2011, L 64, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour administrative (il-Lussemburgu) fl-20 ta' Marzu 2019 —
Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu vs B, C, D, F.C.**

(Kawża C-246/19)

(2019/C 213/09)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour administrative

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Konvenuti: B, C, D, F.C.

Parti oħra: A

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 7, 8 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, possibbilment moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-imsemmija karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li, fil-kuntest tas-sistema proċedurali fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni fuq talba, stabbilita b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-direttiva 77/799/KEE (¹), teskludi kwalunkwe dritt għal azzjoni, b'mod partikolari ġudizzjarja, min-naħa tal-persuna taxxabbli kkonċernata mill-investigazzjoni fl-Istat Membru li jagħmel it-talba u ta' terza persuna kkonċernata, kontra deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru tobbliga lil persuna li għandha informazzjoni fil-pussess tagħha tipprovdilha informazzjoni sabiex jingħata segwitu għal talba għal skambju ta' informazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor?